MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 2001

Angelo Mizzi

kontra

Registratur tal-Qorti ta' Malta, u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, il-Prim Ministru (li gie mnehhi mir-rikors b'digriet tad-9 ta' Gunju 2000) u l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Kunsilli Lokali, u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1998

It-Tribunal

Ra r-rikors numru 13/97G tar-rikorrent Angelo Mizzi li jghid hekk:

"Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fis-7 ta' Novembru 1987 huwa sofra ngustizzja lampanti billi kellu l-kuntratt tal-vettura tieghu li kienet

impressed mal-Qorti ta’ Ghawdex li ma giex imgedded fit-8 ta’ Novembru 1987 minghajr gustifikazzjoni;
Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:-
i) Illi l-vettura tieghu giet ingaggjata bhala impressed b’kuntratt mill-Qorti fis-7 ta’ April 1987,
ii) Illi l-vettura damet hekk ikkuntrattjata sa meta l-kuntratt ma giex imgedded fit-8 ta’ Novembru 1987,
iii) Illi fil-fatt l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-kuntratt tieghu kien gie imgedded ininterrottament ghal perjodu ta’ seba’ xhur u dan kif jidher mill-Engagement History tieghu mehmuza mill-ETC fit-23 ta’ Lulju 1997 u li hi mmarkata Dok A anness,
iv) Illi l-kuntratt tal-vettura tieghu impressed mal-Qorti ma regax gie mgedded lilu mhux ghax ma kienx hemm bzonn l-istess vettura mal-Qorti, imma bl-iskop specifiku li titnehha tieghu.
v) Illi l-ghajxien tieghu kien jiddependi min hemm u sofra financial hardship kbir.
Ghaldaqstant, ir-rikorrent fil-waqt li jirriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, jitlob umilment lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba tieghu u konsegwentament jinghata rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop l-esponenti jitlob li jitpogga fl-istess pozizzjoni li kien fis-7 ta’ Novembru 1987 qabel ma l-vettura tieghu giet imnehhija minn impressed, jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex aktar possibli billi jigi ordnat jew li jinghata impjieg ma l-istess Qorti u/jew li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.”

Ra r-risposta tar-Registratur tal-Qrati u tal-Onorevoli Prim Ministru li tghid hekk:

“Illi ma saret l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent stante li dak li gara fil-kaz tieghu kien li huwa gie ngaggat ghal perjodu qasir ta’ zmien sabiex jaqdi funzjoni specifika

u limitata u li s-servizz tieghu ma kienx ghad hemm aktar il-bzonn tieghu. B'hekk ma kienx hemm bzonn aktar li l-ingagg tieghu jigi mgedded ghax id-Dipartiment ma kellux aktar xoghol x'jaghti lill-istess rikorrent. Huwa kien gie ngaggat ghal perjodu qasir u limitat u meta l-kuntratt tieghu gie terminat ma gie ngaggat hadd iehor minfloku, ghax appuntu ma kienx hemm xoghol x'jigi assenjat lilu.
Illi r-rikorrent ma ppruvax l-ingustizzja li huwa qed jallega li sofra skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li t-talba tar-rikorrent tigi michuda."

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li tghid hekk:

"Illi l-esponent gie kjamat in kawza minn dan l-Onorabbli Tribunal permezz tad-digriet datat 29 ta' Dicembru 1998.
Illi l-esponent gie kjamat inutilment fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi stante illi huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent peress illi kuntratti ta' **impressed drivers** u t-tigdid taghhom ma jaqghux taht il-mansjoni tad-Direttur tax-Xoghol.

Illi l-unika responsabbilita' tal-esponent huwa illi jforni l-vettura u s-sewwieq lid-Dipartiment li jaghmel rikjesta ghal **impressed driver** u l-esponent bl-ebda mod ma jiddeciedi t-terminazzjoni tal-ingagg tal-**impressed driver** koncernat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli tribunal joghgbu tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa mhux il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi tar-rikorrent."

Ra d-decizjoni tad-19 ta' Gunju 2001 li biha dan it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat Direttur tax-Xoghol b'mod li lliberah mill-osservanza tal-gudizzju, kif ukoll laqa' l-eccezzjoni tar-Registratur tal-Qorti billi l-impjieg tar-rikorrent gie terminat u ghalhekk jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal, bl-ispejjez bla taxxa.

Ra c-citazzjoni numru 1269/01VCC li biha Angelo Mizzi talab li dan it-Tribunal jirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tad-19 ta' Gunju 2001, u jordna li l-kaz jinstama' mill-gdid.
Ra d-decizjoni tat-22 ta' Novembru 2001, li biha dan it-Tribunal laqa' t-talbiet ta' Angelo Mizzi billi hassar dik id-decizjoni tad-19 ta' Gunju 2001 fir-rikors numru 13/97G u ordna s-smigh mill-gdid tar-rikors, bl-ispejjez, hlief dawk decizi, riservati.

Ra l-atti l-ohrajn kollha tar-rikors numru 13/97G, sama' t-trattazzjoni ta' l-Avukati, u jikkonsidra in ritrattazzjoni ta' l-istess rikors illi:

## Provi

1. Jirrizulta li r-rikorrent kellu vettura mikrija lill-Qorti ta' Ghawdex bis-sistema ta' "impressed". Din il-kirja kienet saret bil-modalita' karatteristika tal-kirjiet ta' din ix-xorta li kienu jsiru fl-epoka relattiva ghall-kaz in kwistjoni. Din il-modalita' kienet kif segwenti.

**2.** Meta xi dipartiment tal-Gvern kien jehtieg is-servizz regolari ta' vettura, kien jitlob lid-Dipartiment tax-Xoghol biex jipprovdilu l-vettura. Id-Dipartiment tax-Xoghol kien jibghat vettura lid-dipartiment l-iehor, u dan kien jaghzel jew li jzomm dik il-vettura b'kuntratt ta' kiri jew ma jzommhiex.

**3.** F'kaz li jzomm il-vettura, id-dipartiment l-eihor kellu jzommha b'kuntratt ta' kiri. Tnejn mill-kundizzjonijiet ta' din il-kirja kellhom ikunu, wahda li l-vettura matul il-kirja tigi mhaddma, ossija misjuqa, minn sidha, u l-ohra li l-kuntratt tal-kiri kellu jkun ghal tlettax il-gimgha, ossija tliet xhur (ara dokument MC2 fol 48 tal-process).

**4.** F'kaz li d-dipartiment l-iehor kien irid izomm l-istess vettura wara l-gheluq ta' dawk it-tlett xhur, allura kellu jgedded il-kirja ta' dik il-vettura ghal tliet xhur ohra bl-istess kundizzjonijiet bhal qabel (ara dokument MC3 fol 49.)

**5.** Il-vettura tar-rikorrent Mizzi kienet mikrija lill-Qorti ta' Ghawdex bl-imsemmija sistema maghrufa "impressed". Din il-kirja bdiet fis-7 ta' April 1987, u wara li kienet giet imgedda darbtejn fis-7 ta' Lulju u fis-7 ta' Ottubru 1987,

giet terminata fis-7 ta' Novembru 1987 (ara dokument A fol 5). F'din l-ahhar data di fatti, Pawlu Zammit, li allura kien "inkarigat mill-Qorti ta' Ghawdex", qal lir-rikorrent biex ma jirrappurtax aktar ghax-xoghol billi l-kuntratt ma kienx se jiggeddidlu.

**Konsiderazzjonijiet**

6. Il-kjamat fil-kawza Direttur tax-Xoghol eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tar-rikorrent, u ghalhekk talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju (fol 41.) Kwantu ghal din l-eccezzjoni jinghad li l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti filli l-kuntratt tal-vettura tieghu "impressed" mal-Qorti ta' Ghawdex ma regax gie mgedded. Issa d-Direttur tax-Xoghol ma kienx parti f'dak il-kuntratt. Kien semplicement forna l-vettura lil dik il-Qorti li mbaghad kriet il-vettura. L-anqas ma kien involut id-Direttur fit-terminazzjoni ta' l-istess kuntratt, ghaliex dan gie terminat unikament mill-Qorti msemmija. Ghalhekk l-eccezzjoni tad-Direttur tax-Xoghol ghandha tigi akkolta.

**7.** L-intimati Registratur tal-Qrati u l-Prim Ministru eccepew li ma saret ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent billi dan kien gie ingaggat ghal perijodu qasir ta' zmien sabiex jaqdi funzjoni specifika u limitata u s-servizz tieghu ma kienx hemm aktar bzonnu. Biss jinhiteg li qabel ma jikkonsidra din l-eccezzjoni, dan it-Tribunal jindaga jekk huwiex kompetenti bil-ligi li jiehu konjizzjoni ta' l-ilment tar-rikorrent. Din l-indagini ghandha ssir anki ghaliex dan il-punt tal-kompetenza gie sollevat mill-intimati fit-trattazzjoni orali.

**8.** L-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997 jiddisponi li dan it-Tribunal "ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment bil-miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellhha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;
(c) dhul f'impieg;
(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;
(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

9. Fit-trattazzjoni orali r-rikorrent issottometta li dak il-kuntratt jidhol that l-ipotesi (d). Qal li bil-kuntratt in kwistjoni huwa kellu licenzja u permess li jahdem ghal tliet xhur. Jigifieri r-rikorrent qieghed jippretendi li bil-fatt li l-kuntratt tieghu ma giex imgedded, gew mehuda lilu l-licenzja u l-permess li jahdem.

**10.** Din is-sottomissjoni mhix sostenibbli. Ir-rikorrent kellu kuntratt mal-Qorti ta' Ghawdex li jikrilha l-vettura tieghu ghal tliet xhur. Ma giet moghtija lilu ebda licenza jew permess meta dahal f'dak il-kuntratt. Konsegwentement meta l-kuntratt ma giex imgedded, anke jekk talvolta ingustament, ir-rikorrent ma tilef ebda licenza jew permess. Il-licenzji li ovvjament kien jinhtieglu jkollu biex jidhol fil-kuntratt in kwistjoni, jigifieri l-licenza tas-sewqan tieghu u dik tal-vettura, ma tilifhomx. Ghalhekk l-ilment tieghu ma jinkwadrax fl-ipotesi (d) msemmija.

**11.** Ir-rikorrent issottometta wkoll li f'decizjonijiet precedenti dan it-Tribunal iddecieda li l-artikolu 6 fuq citat jaghti lit-Tribunal il-kompetenza li jiehu konjizzjoni ta' l-ilmenti dwar vetturi mikrijin 'impressed". Effettivament bid-decizjoni tieghu tal-25 ta' Novembru 1999 fir-rikors fl-ismijiet "Pawlu Zammit kontra Korporazzjoni Telemalta et" (numru 55/97Gozo), dan it-Tribunal (diversament presjedut) laqa' t-talba tar-rikorrent li lmenta fuq it-terminazzjoni ta' kuntratt tal-kiri ta' vettura "impressed", wara li iccita silta mid-decizjoni tieghu precedenti tas-16 ta' Frar 1998 fir-rikors "Anthony Mifsud kontra Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma." F'dawn id-decizjonijiet intqal hekk:

"Pero' hu ta' min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura "must be owner driven" b'mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni

fundamentali li ma' l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-employed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghall-impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji."

12. Jigifieri t-Tribunal, fid-decizjonijiet fuq citati, in vista tal-kundizzjoni illi l-vettura mikrija "impressed" ghandha tigi misjuqa minn sidha, ikkunsidra li ghall-fini ta' l-Att VIII ta' l-1997 tali kiri ta' vettura ghandu jitqies bhala impieg.

13. Dan it-Tribunal, kif prezentement presjedut, bir-rispett ma jaqbilx ma' l-imsemmijin decizjonijiet precedenti. Fil-kuntratt in ezami l-kundizzjoni li l-vettura ghandha tigi misjuqa minn sidha ma hi xejn hlief kundizzjoni tal-kuntratt tal-kiri. Din il-kondizzjoni ma tbiddel xejn mill-karattru guridiku tal-kuntratt. Biha jew minghajra jibqa kuntratt ta' kiri. Sid il-vettura ma jigix impjegat, u ghalhekk l-ilment odjern tar-rikorrent ma jinkwadrax fl-ipotesi (c) ta' l-artikolu 6 citat fil-paragrafu 8 hawn fuq.

14. Dan l-ilment tar-rikorrent ovvjament l-anqas ma jinkwadra fil-paragrafi l-ohrajn (a), (b), u (e) ta' l-artikolu 6 msemmi.

Ghall-motivi premessi, fil-kontumacja ta' l-intimat Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli (recte Gvern) Lokali:

(1) Jillibera lill-intimat Direttur tax-Xoghol mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez relattivi kontra r-rikorrent.

(2) Jiddikjara li ma ghandux is-setgha bil-ligi li jisma u jaqta' dwar l-ilment tar-rikorrent, u ghalhekk jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet.

L-ispejjez ta’ din ir-ritrattazzjoni, eskluzi dawk hawn fuq decizi, in vista tac-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

L-ispejjez riservati fid-decizjoni tat-22 ta’ Novembru 2001 fic-citazzjoni ghar-ritrattazzjoni (1269/01VCC), eskluzi dawk tad-Direttur tax-Xoghol li jithallsu mir-rikorrent, jibqghu ukoll bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------